**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.**
**CHAIRPERSON**

**Rikors numru 80/2014**

**Rita u Emmanuela ahwa Azzopardi rispettivament KI 0229931M u 0725022M u fuq talba tar-rikorrenti tal-20 ta' Frar 2017, mhux opposta fit-08 ta' Mejju 2017, l-atti gew trasfuzi minn isem Rita Azzopardi u Emmanuel Azzopardi ghal isem Philip Grech 541454M**

**vs**

**George Tabone KI 414250M**

**Illum, 27 ta' Novembru 2019**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

"Illi r-rikorrenti kienu krew lill-intimat il-fond 13, Triq Ebona, Haz-Zebbug versu l-kera ta' €116.47 (Lm 50) kull sitt xhur bil-quddiem l-iskadenza li jmiss taghlaq fis-6 ta' Jannar 2015.

Illi kif jirrizulta mir-rapport dettaljat tal-Perit Arkitett Mario Balzan hawn anness u mmarkat bhala Dok A l-intimat wettaq bosta alterazzjonijiet strutturali fil-fond inkwilinat u dan minghajr kunsens tal-istess rikorrenti.

Illi kwindi jezistu c-cirkostanzi li permezz taghhom ir-rikorrenti ghandhom il-jedd li jitolbu li jirriprendu l-pussess tal-imsemmi fond.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment titlob bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord a tenur tal-procedura sommarja specjali skond l-artikolu 16A tal-Ordinanza li tirregola it-Tigdid tal-Kiri tal-Bini joghgbu jawtorizza lill-esponenti jirriprendu l-pussess tal-fond ossia 13, Triq Ebona, Haz-Zebbugu ghall-fini tal-izgumbrament tal-intimat jiprefiggi terminu qasir u perentorju.

Bl-ispejjez kontra l-intimat."

Ra illi l-intimat prezenta risposta fejn qal hekk:

"1. Illi fl-ewwel lok, ir-rikors huwa monk stante l-fatt li fir-rikors ma hemm ebda talba mill-atturi sabiex jigi rexiss il-kirja ta' l-istess esponenti konvenuti, fejn kwindi ghalhekk anki b'sentenza ta' dan il-Bord, il-Bord ma tistax tmur 'ultra petita' dak mitlub fl-istess rikors promotur;

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u mhuwiex minnu dak eccepit mill-istess atturi;

3. Salvi ecezzjonijiet ulterjuri billi din ir-risposta saret minghajr ma' l-konvenut kellu l-opportunità jaqra ir-rapport tal-perit Mario Balzan, billi dan ir-rapport ma jinsabx fil-process bhalissa;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

5. U b' digriet tal-Bord tal-11 t' Awwissu 2017 giet awtorizzata z-zieda tas-segwenti eccezzjoni ulterjuri:
'Illi kien hemm accettazzjoni daparti tal-atturi ta' kwalunkwe allegati alterazzjonijiet li setghu saru fil-fond mertu ta' din il-kawza, u dan inter alia in vista tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dr Antonella Navarro tat-28 ta' Ottubru 2015.'"

Ra l-atti kollha tal-kawza;

Sema' l-provi.

Ra u qies id-dokumenti u provi kollha prodotti.

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza in difett t'ostaklu.

Ikkunsidra:

**It-Talbiet u l-Ecezzjonijiet fil-qosor**

Illi f'din il-kawza r-rikorrenti fil-qosor qed jitolbu (1) id-dispensa tas-smiegh (2) li jirriprendu l-pussess u (3) l-izgumbrament tal-intimat u dan minhabba li  l-intimat (a) wettaq bosta alterazzjonijiet strutturali fil-fond inkwilinat u (b) dan minghajr kunsens tal-istess rikorrenti.

L-intimat ikkontesta t-talbiet tar-rikorrenti u eccepixxa illi (1) r-rikors huwa null ghaliex ma fihx talba ghar-rexxissjoni tal-kirja, (2) it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt, (3) Salv ecezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt u (4) l-accettazzjoni ta' kwalunkwe bdil strutturali in vista tal-kuntratt tat-28 t'Ottubru 2015.

**Gurisprudenza u Principji Legali applikabbli**

Illi r-rikorrenti jsejsu l-kawza taghhom fuq kawzali wahda u cioè dik illi l-intimat ghamel tibdiliet strutturali minghajr il-kunsens tas-sid.

Fil-kawza fl-ismijiet **Maria Nicholas (ID 522818M) u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2014, l-atti gew trasfuzi f'isem John Nicholas f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' ohtu Alexandra sive Sandra Britton, assenti minn dawn il-gzejjer stante l-mewt ta' ommhom Maria Nicholas illi sehhet fil-mori tal-kawza (appellati) vs Daniel Attard** Qorti tal-Appell, Appell numru:- 27/07 deciza fl-4 ta' Novembru 2016, il-Qorti dahlet fid-dettal fuq din il-kawzali u qalet hekk:

> "7. Il-qorti hi tal-fehma li m'hemmx prova li x-xogħlijiet saru bil-kunsens ta' sid il-kera. Għalkemm l-appellat qal li s-sid kienet tatu l-kunsens, min-naha tagħha ċaħdet. Verżjoni li hi korraborata minn bintha Sandra Kathleen Britton li kienet akkumpanjat lill-ommha fil-fond in kwistjoni waqt li kienu għaddejjin ix-xogħlijiet (fol. 20).

**L-oneru tal-prova kien fuq l-inkwilin li sid il-kera tat il-kunsens tagħha[1]**. Prova li ma ssodisfax.

8. Jekk wieħed iqis jekk dak li għamel l-inkwilin huwiex konformi mal-ħames kriterji kif żviluppati mill-ġurisprudenza u elenkati mill-appellant fir-rikors tal-appell, isib li:

(a) ma bidilx id-destinazzjoni tal-fond, li kienet u baqgħet waħda residenzjali. Fil-każ ta' bidliet strutturali f'ħanut intqal li, 'Affermati dawn il-principji dottrinali, kif akkolti wkoll mill-gurisprudenza, anke kieku kellu jigi ritenut fil-kaz de quo illi x-xoghlijiet li saru ma kellhomx l-approvazzjoni preventiva tas-sidien, xorta wahda, imbaghad, ma jistghax jinghad illi dawk li saru mill-appellat odjern biddlu b'xi mod in-natura tal-fond. Pjuttost jidher li dak li sar kien ancillari ghad-destinazzjoni tieghu u certament ghall-ahjar utilita` tal-fond. Bi kliem misluf mis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Spiteri et –vs- Pantelis Mairangas et**, Appell, 05.10. 2001, 'ma jistghax ikun hemm dubbju illi fihom infushom ix-xoghlijiet mhux biss ma biddlux id-destinazzjoni tal-fond lokat bhala hanut imma kellhom jitqiesu bhala miljoramenti tieghu'.[2]

(b) m'hemmx prova li ġiet preġudikata s-solidità tal-fabbrikat. Għalkemm mid-deposizzjoni tal-perit Spiteri Staines jirriżulta li saret ħsara fil-fond li ġiet deskritta, "… daħħal il-konkos u sar ħsara wkoll għax l-arkata, is-samrott hija l-iktar ħaġa mportanti inqasmu fi tnejn minħabba f'din l-

[1] Sottolinejar tal-Bord.
[2] **Vella Antonia v Grech John**, 14.07.2004, Qorti tal-Appell [Imħallef P. Sciberras.].

islab tal-konkos….,” min-naha l-oħra l-qorti m’hijiex konvinta li hemm prova li l-ħsara hi konsiderevoli.

(c) ix-xogħol kien meħtieġ u utli għat-tgawdija tiegħu. Anke r-rikorrenti nfushom irrimarkaw kemm saru miljoramenti utli. Fil-fatt Sandra Cathleen Britton xehedet, "… and we were quite amazed because somebody opened the door, and it was his wife, and they'd done up the place beautifully. It was very well, all finished, there was another floor…." (a folio 19).

(d) ix-xogħlijiet kienu sostanzjali. B'danakollu kien hemm każijiet fejn il-qrati ppermettew xogħol estensiv li jinkludi tkissir ta' ħajt sħiħ; bini ta' żewġ toilets; bini ta' taraġ; tkissir ta' ħajt ieħor fis-sala; u tisqif ta' parti minn bitħa sabiex dar ta' abitazzjoni tiġi wżata bħala każin, ma kienx biżżejjed biex ikun xogħol strutturali li jwassal għat-terminazzjoni tal-kirja[3]. Hekk ukoll,"illi l-ftuh ta' bieb f'hajt divizorju biex fond mikri ghand l-inkwilin jigi komunikat ma' fond ieħor mikri ghand l-istess inkwilin u ta' proprjetà ta' l-istess sid, ma kienx ħaġa li l-inkwilin ma setax jagħmel" (**Kollez. Vol. XXXVII.i.156**); **Carmelo Stivala -vs- MTS Limited**, Appell, 18.06.1998). F'każ fejn inbnew kċina, kamra tal-banju u toilet, u ssaqfet bitħa tal-post, din il-Qorti qalet: 'Fiċ-ċirkostanzi magħrufa tal-każ preżenti, valutati anke fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tal-preċitati prinċipji, l-Qorti, bhal Bord qabilha, hi tal-fehma li fir-realta` tal-fatti l-innovazzjonijiet li l-appellati ntroduċew fil-fond mikri lilhom – kamra tal-banju, kċina u toilet jistgħu jitqiesu tabilħaqq neċessarji, u għalhekk aċċettabbli għall-aħjar tgawdija u kumdità tal-inkwilini. Hi wkoll il-fehma

3 **Margherita Rutter Giappone v Sir Gerald Strickland** – 21.06.1922 – Qorti tal-Appell (Kollez. XXV.i.206).

konsiderata tal-Qorti illi x-xogħolijiet mhux biss ma bidlux in-natura tal-fond iżda pjuttost abbellewh u rrendewh aktar apprezzabbli bil-benefikati ntrodotti. Xogħlijiet dawn li jistghu wkoll jiġu rimossi meta tispiċċa l-lokazzjoni. Lanqas ma jidher illi l-istess alterazzjonijiet strutturali jikkostitwixxu 'hsara hafna fil-fond' a tenur tal-Artikolu 9 (a) tal-Kap 69 billi dawn ma hassrux la l-bini u lanqas il- karattru tieghu (Ara decizjoni fl-ismijiet '**Anthony Zammit et –vs- Charles sive Carmelo Mizzi**', Appell, 27 ta' Frar 1996).'[4] Saħansitra ġew aċċettati '**xogħlijiet strutturali li jiġu kwalifikati bħala straordinarji'**[5].

(e) Fi tmiem il-kirja l-post jista' jitpoġġa fl-istat oriġinali tiegħu. Dan affermah il-kerrej innifsu, li huwa involut fil-qasam tal-kostruzzjoni. M'hemmx prova kuntrarja. Milli tista' tifhem din il-qorti, ma tmissitx l-istruttura esterna tal-post, li hu kantuniera. Ma kienx hemm tkissir jew tibdil ta' strutturi interni, fejn inbnew strutturi fl-ispazju vojt tagħha. Għalhekk dak li ġie kostruwit, jista' jiġi mneħħi u l-fond mikri jerga' jsir kamra waħda kif kien fl-istat oriġinali tiegħu.

9. Li l-qorti ssib għal kollox oġġezzjonabbli hu l-fatt li x-xogħlijiet saru mingħajr permess ta' żvilupp u kontra l-liġi ta' sanità (ara deposizzjoni tal-perit Spiteri Staines). Ix-xoghlijiet huma ta' natura sostanzjali. 'Il fatt li ma ntalabx il-ħruġ ta' permess ta' żvilupp qabel saru x-xogħlijiet, hu ta' preġudizzju ghad-drittijiet tas-sid li għandu kull dritt li jippretendi li l-proprjetà tiegħu tkun f'kull żmien konformi mal-ligi tal-ippjanar. F'dan il-każ l-inkwilin ma aġixxiex bħala bonus pater familias meta għamel dak it-tibdil

[4] **Mary Rose Laferla v Paul Camilleri** – 24.11.2003, Appell (Imħallef P. Sciberras).
[5] **Vassallo v Muscat**, Prim'Awla 25.03.1994.

strutturali estensiv fil-fond lokat mingħajr biss ma ndenja ruħu li qabel jagħmlu jottjeni permess ta' żvilupp. Li inkwilin jaġixxi bħala bonus pater familias hi waħda mill-obbligazzjonijiet prinċipali. Hu veru li s-sidien kieku riedu kellhom ukoll ir-rimedju li jħarrku l-inkwilin biex jitneħħa dak l-izvilupp li sar bla permess tal-awtorità kompetenti. Madankollu, dan fih innifsu ma jfissirx li s-sid m'għandux ukoll ir-rimedju li jħarrek lill-inkwilin sabiex jieħu lura l-pussess tal-fond minħabba li bix-xogħol strutturali li sar, l-inkwilin kiser obbligu. Għall-qorti l-fatt li sid il-kera għandu proprjetà li fiha saru **xogħlijiet estensivi** mill-inkwilin mingħajr permess ta' żvilupp, tikkonsisti f'infrazzjoni li ma tistax tigi deskritta bħala minima. Lanqas ma jista' jsir xi argument fis-sens li bix-xogħol li għamel l-appellat żdied il-valur tal-fond, ġialadarba x-xogħol mhuwiex konformi mal-liġi. Hu veru li fl-aħħar tal-kirja l-inkwilin għandu l-obbligu li jagħti lura l-pussess tal-fond fl-istat li jkun irċeviha, però dan m'għandux iservi bħala argument għan-nuqqasijiet li jeżistu fil-preżent. Dan l-obbligu tal-inkwilin ma jfissirx li jista' jagħmel li jrid bi ħwejjeġ ħaddieħor. Ix-xogħlijiet ilhom snin li saru u lanqas m'hemm prova li l-appellant ipprova jirregolarizza l-illegalitajiet li saru fil-fond. Dan ikompli jippreġudika l-posizzjoni tiegħu. Sid il-kera lanqas m'għandu jitpoġġa fil-posizzjoni li ma jafx x'ser jiġri meta xi darba jerga' jieħu lura hwejjġu. Din hi l-posizzjoni li fiha jinsabu l-appellati b'riżultat tax-xogħol illegali estensiv li twettaq fil-fond tagħhom li bih fond b'kamra waħda ġie konvertit għal fond b'żewġ sulari. Xogħol li qatt ma kellu jsir ladarba ma kienx hemm permess ta' żvilupp."[6].

[6] Ara wkoll **Nazzareno Ellul vs Joseph Schembri** – Bord li Jirregola l-Kera – Rikors Numru 87/2001/0 – Deciz 4 ta' Ottubru 2012, **Giovanni Grech vs Rosa Vassallo et** – Qorti tal-Appell – Deciza 29 ta' Ottubru 1954, **Joseph Frendo vs C & H Bartoli Limited** – Qorti tal-Appell – Appell Civili Numru: 30/2006/1 – Deciza 7 ta' Mejju 2010

**Provi**

Illi fis-seduta tat-13 ta' Novembru 2014 il-Bord ikkonceda lill-intimat illi jintavola risposta u ghalhekk it-talba ghad-dispensa tas-smiegh giet sorvolata.

Fit-23 t'April 2015 il-**Periti Teknici Membri** tal-Bord ipprezentaw ir-**rapport** taghhom[7], f'liema rapport a folio 19 jghidu hekk: "*Dawn l-istrutturi fejn hemm is-soqfa tal-konkos, ghalkemm jidhru li ilhom snin li saru, huma aktar ricenti mill-istruttura originali tad-dar, ....".* A folio 20 jghidu wkoll illi: "*Fl-'aerial photo' tal-1998 mill-istess website tal-MEPA jidher li l-kamra tal-banju kienet gja mibnija f'din is-sena*."

**Philip Grech**[8] xehed illi dan l-ahhar zitu semghet li kienu saru xi alterazzjonijiet fil-fond mertu tal-kawza u ghalhekk marret tispezzjona l-fond flimkien mieghu u mal-Perit inkarigat minnhom. Huwa qal li l-kantina nstabet imbarrata bil-gebel, li parti mill-garigor sabuh maghluq bil-konkos. Qal li hu ghandu ideja vaga tal-post kif inhu. Qal li ma jiftakarx kif kienet l-art li huam stess qalu li ghattuha u lanqas jiftakar l-armarji fil-hajt. Qal li originarjament il-fond kien ta' zitu Carmela Azzopardi u minn tlett snin 'l hawn, mal-mewt taghha, wirtuha hutha Rita u Emanuela Azzopardi.

**Rita Azzopardi**[9] xehdet illi l-fond ilu mikri xi hamsin sena, l-ewwel lil ħu s-Sinjura Tabone u mbaghad haditu hi. Tghid li kienet trabbiet fil-fond u taf kif kien. Tghid li dahlet fil-fond xi tlett snin ilu sabiex taghmel id-denunzja ta' ohtha u sabet li kienu saru hafna tibdiliet strutturali. Hi tat deskrizzjoni shiha ta' kif kien il-fond u kif sabitu meta dahlet fih tlett snin ilu, jigifieri sebgha u erbghin sena wara li kien gie

[7] A folio 16 tal-process.
[8] A folio 35 tal-process.
[9] A folio 40 tal-process.

mikri u l-inkwilin originali gie sostitwit bl-inkwilini prezenti. In kontro-ezami kkonfermat li hija ma tafx kienx hemm xi ftehim ma' ohtha dwar dawn it-tibdiliet strutturali. Ikkonfermat ukoll li darba l-intimat kien talab permess lil ohtha li wiehed mil-bibien jaghmlu tieqa u ohtha kienet tatu l-kunsens taghha ghal dan. Xehdet ukoll illi li taf li Joseph Magri kien l-inkwilin originali, u li huwa hu bennej u li huwa ghamel kollox.

**Il-Perit Mario Balzan**[10] xehed illi huwa spezzjona l-fond u jiftakar li gie indikat lilu li kien hemm xi 'cellar' li dan hu ma rahx u li l-garigor kien imkisser u msaqqaf. Huwa obbliga ruhu li jesebixxi r-rapport tieghu. Dan ir-rapport baqa' ma gie esebit qatt.

**Joseph Magri**[11] fl-affidavit tieghu xehed illi huwa kien jokkupa l-fond bejn l-1966 u l-1975 b'titolu ta' cens temporanju minn ghand Carmela Azzopardi. Fl-1975 dahlu jokkupaw il-fond l-intimat u martu. Jghid li meta ha l-fond, il-fond kien fi stat mitluq b'certu partijiet perikoluzi u inabitabbli. Jghid li Carmena Azzopardi, s-sid, kienet taf li hu bennej tajjeb u seta' jaghmel certu xoghlijiet hu stess. Fil-fatt matul z-zmien li okkupa l-fond, huwa ghamel diversi xoghlijiet. Jghid li huwa kien dejjem jgharraf lil Carmena Azzopardi bix-xoghlijiet li jkun jaghmel u hija dejjem taghtu l-kunsens taghha. Huwa elenka wkoll id-diversi xoghlijiet li ghamel u zied li seta' ghamel xi xoghlijiet ohra. Spjega ukoll li l-bieb tal-faccata kien ghamlu tieqa u kien ukoll saqqaf parti mill-bejt. Huwa kien digà vvaka mill-fond meta ghamel dawn l-ahhar zewg bicciet xoghol izda l-fond kien ghadu taht it-titolu ta' cens. Hu esebixxa ukoll kopja tal-kuntratt tac-cens[12].

---

[10] A folio 47 tal-process.
[11] A folio 55 tal-process.
[12] A folio 58 tal-process.

**L-intimat George Tabone**[13] fl-affidavit tieghu xehed illi huwa ha l-fond b'titolu ta' cens temporanju fl-1975 ghas-snin li kien fadal cens temporanju, wara li hu martu Joseph Magri halla l-fond. Jghid li Magri kien ghamel diversi xoghlijiet u anke huwa ghamel xi xoghlijiet. Jghid li huwa baqa' jhallas il-kera lil Karmena Azzopardi li dejjem accettatha u wara l-mewt taghha hallas ukoll lil Rita Azzopardi, li wkoll accettat il-kirja izda wara xi erba' darbiet qaltlu li mhux ser taccetta l-kera aktar ghax riedet il-post lura. Jghid li sar jaf li l-fond inghata b'titolu ta' donazzjoni lill Philip Grech u li l-istess kuntratt jirreferi ghall-fatt illi l-fond huwa mikri lil terzi. Jghid li meta Rita ma baqghetx taccetta l-kera huwa beda jiddepozita l-kera fil-Qorti. Huwa esebixxa kopja tal-ktieb tal-kera a folio 96 sa 130 tal-process u kopja tac-cedoli ta' depozitu tal-kera a folio 131 sa 135 tal-process.

Huwa rega' xehed viva voce[14] fejn spjega li x-xoghlijiet li ghamel hu kienu 'membrane', bidel id-dawl u l-ilma u bidel il-bieb ta' barra u li kien kellem lis-sid originali Carmena Azzopardi dwar dan. Jghid li x-xoghlijiet l-ohra li saru fil-fond kollha sabhom lesti ghax minn kien ha l-fond qablu kien hadu bil-patt li jirranga l-fond ghax il-fond kien qadim.

**Kunsiderazzjonijiet tal-Bord**

Illi r-rikorrenti qed isejsu l-kawza taghhom fuq kawzali wahda u cioè tibdiliet strutturali minghajr il-kunsens tas-sid.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi t-tibdil strutturali li sar fil-fond sar mill-inkwilin originali Joseph Magri. Jirrizulta wkoll li biex ghamel tali tibdil huwa dejjem kellu l-kunsens tas-sid originali Carmela Azzopardi. Is-sid attwali, r-rikorrenti fil-fatt tghid illi taf li biex jibdel il-bieb tal-

[13] A folio 94 tal-process.
[14] A folio 137 tal-process.

faccata u jaghmlu tieqa Joseph Magri kien talab il-kunsens ta' ohtha Carmela Azzopardi. Illi ghalhekk r-rikorrenti meta saret sid tal-fond li fih kien gia saru tibdiliet strutturali awtorizzati mis-sid originali u ghalhekk ma ghandha l-ebda jedd li tirriprendi l-pussess a bazi tal-istess tibdiliet strutturali.

Illi jirrizulta l-intimat George Tabone ghamel xi tibdil li però kienu necessarji, apparti li huwa jghid ukoll li dawn kienu awtorizzati. Ix-xoghol kien jikkonsisti fit-tqeghid tal-'membrane', li allura huwa meljorament, fit-tibdil tad-dawl u l-ilma li kien necessarju minhabba li infaqghet kanna tal-ilma u tali tibdil huwa wkoll meljorament u tibdil tal-bieb ta' barra illi huwa rega' ghamel fuq l-antik kif talbitu s-sid originali.

Illi jirrizulta wkoll illi r-rikorrenti dahlet fil-fond wara sebgha u erbghin sena u li hi ma kinitx involuta fid-diskors li kien jghaddi bejn l-inkwilin u ohtha li kienet is-sid originali, illi ghalhekk hija ma tistax tghid li ohtha ma kinitx tat kunsens anzi hija tikkonferma li t-tibdil fil-bieb biex isir tieqa kien gie awtorizzat minn ohtha.

Illi in oltre skont ir-rapport tal-Periti Membri Teknici tal-Bord, it-tibdil strutturali kien diga sar sa mill-1998 u ghalhekk fiz-zmien meta s-sid kienet Carmena Azzopardi.

Illi r-rikorrent attwali u cioè Philip Grech dahal fiz-zarbun tal-aventi causa tieghu u ghalhekk huwa ha l-fond fl-istat li kien meta sar it-trasferiment u ghalhekk bi kwalunkwe xoghlijiet strutturali li saru fil-fond precedentament ghall-imsemmi akkwist. Illi ghalhekk dak li nghad fil-konfront ta' Rita Azzopardi japplika wkoll ghal Philip Grech.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet u in vista tal-principji enuncjati li jirregolaw l-kawzali tat-tibdiliet strutturali, l-imsemmija kawzali mressqa mir-rikorrenti fil-kaz in ezami ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Bord qieghed jichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Reġistratur